3 ta' Diċembru 2016
111/2016

# IL-KA SSEJJAĦ GĦAR-REVIŻJONI TAL-*MASTERPLAN* TA' PACEVILLE

## SINTEŻI TAL-*OPINION PAPER* DWAR IL-*MASTERPLAN* TA' PACEVILLE

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA), b'dispjaċir tinnota li l-*Masterplan* propost għal Paceville jidher li qiegħed jikkonsidra aspetti iżolati tas-sitwazzjoni li fiha sab ruħu dan il-lokal, mingħajr ma jqis li l-kaġun tas-sintomi kollha huwa wieħed: nuqqas ta' sostenibilità f'kull żvilupp li sar. Għalhekk wieħed kien jistenna li l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Gvern ikunu għaqlin biżżejjed li jidentifikaw sewwa l-għerq tal-problemi kollha, u jitgħallmu mill-passat biex ma jiġux ripetuti l-iżbalji li saru.

Il-*Masterplan* jitkellem dwar perspettiva integrata għall-proċess kollu (*integrated approach*). Iżda l-KA ma tistax tifhem kif il-metodoloġija użata fit-tfassil ta' dan il-pjan, naqset milli qabel xejn tnkkonsulta mar-residenti. Tħoss li l-għan ewlieni wara dan il-*Masterplan* huwa l-iżvilupp bla rażan a skapitu tal-interessi tar-residenti u taċ-ċittadin komuni. Dan jidher mill-fatt li xi żviluppaturi xorta waħda jippreferu li l-pjan ikun flessibbli biżżejjed biex ikunu jistgħu jibnu fejn ikollhom iċ-ċans.

Għaldaqstant il-pjan għandu jiġi rivedut, u jingħata widen għal dak li għandhom xi jgħidu l-membri ta' din il-komunità, għax il-kwalità tal-ħajja tagħhom għandu jkollu prijorità assoluta.

Il-KA jidhrilha li r-reputazzjoni li qed jieħu Paceville minħabba l-ġeneru ta' servizzi li qed joffru ċerti stabbilimenti mhijiex tajba u żgur mhix tgħin biex ikun hemm *high-quality branding* tal-lokal.

Dwar ir-reklamazzjoni tal-art, il-Kummissjoni tħoss li din m'għandhiex tiġi kkunsidrata jekk tkun tipperikola r-rikkezza tal-biodiversità marina. Barra minn dan, għandu jsir minn kollox biex titħares il-kosta lokali anke fid-dawl ta' dak li ġie deċiż fil-parlament madwar sitt xhur ilu.

Il-KA tirreferi għal tlieta minn għadd ta' proposti li kienet għamlet waqt konferenza organizzata minnha f'Diċembru tas-sena l-oħra, u li tqis li huma relevanti ħafna għall-proġett. Dawn huma:

- **Li jsir studju dwar id-domanda u l-provvista tal-propjetà f'Malta u l-ambjent ekonomiku u fiskali li jaffettwa il-propjetà**. Dan l-istudju huwa indispensabbli fil-każ tal-proġett ta' Paceville**.**

- **Li l-Gvern u l-awtoritajiet jinfurzaw ir-regolamenti mingħajr biża' u favur b'mod ġust ma' kulħadd** sabiex tiġi garantita l-ordni u l-paċi pubblika. M'għandniex għalfejn noqogħdu nistennew il-*Masterplan* biex dan jitwettaq.

- **Li jitwettqu r-riformi meħtieġa fil-mod kif art pubblika tinkera, tingħata b'ċens jew tgħaddi lil terzi persuni, u biex tiġi żgurata trasparenza fl-għoti ta' tenders li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent.**

Fuq kollox, il-KA issostni li l-qliegħ li se jiġi ġġenerat mill-iżvilupp bis-saħħa ta' dan il-*Masterplan*, għandu jikkontribwixxi għall-infrastruttura, kif ukoll jagħmel tajjeb għall-esproprjazzjoni li jkollha ssir biex iseħħ dan l-istess żvilupp.

Skont il-KA, dan il-proġett joffri okkażjoni biex nibdlu r-raġunament li jpoġġi l-qliegħ qabel kull konsiderazzjoni oħra tal-ġid komuni u l-kwalità tal-ħajja tan-nies. Għandna opportunità biex inwettqu riġenerazzjoni ta' Paceville li tpoġġi is-sensitività għall-ħtiġijiet soċjali, il-ġustizzja soċjali u r-responsabbiltà ambjentali bħala s-sisien ta' kull żvilupp ekonomiku. Se nerġgħu nħallu din l-opportunità taħarbilna minn idejna?

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**